

B'digriet tal-14 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ddikjarat l-appell inammissibbli.

Appell ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2017 minn Josel, SL mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-28 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-335/15 – Josel vs EUIPO – Nationale-Nederlanden Nederland

(Kawża C-536/17 P)

(2018/C 083/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Josel, SL (rappreżentanti: J. Güell Serra, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Nationale-Nederlanden Nederland BV

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2017 minn Cafés Pont SL mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-20 ta' Lulju 2017 fil-Kawża T-309/16: Cafes Pont vs EUIPO – Giordano Vini

(Kawża C-559/17 P)

(2018/C 083/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Cafés Pont SL (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Giordano Vini SpA

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Appell ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017 minn Viridis Pharmaceutical Ltd. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-15 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-276/16 – Viridis Pharmaceutical Ltd. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

(Kawża C-668/17 P)

(2018/C 083/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Viridis Pharmaceutical Ltd. (rappreżentanti: C. Spintig, Rechtsanwalt, S. Pietzcker, Rechtsanwalt, M. Prasse, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Hecht-Pharma GmbH

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

1. tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla);

2. tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali;
3. tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-appellanti;

Sussidjarjament: tordna li l-ispejjeż jibqgħu rriżervati.

Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti ssostni li, fis-sentenza appellata tagħha, il-Qorti Ġenerali kisret ir-Regolament dwar it-Trade Mark tal-Unjoni ⁽¹⁾ b'diversi modi.

Qabelxejn, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-ewwel alternattiva pprovduta fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament tat-Trade Mark tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li, sabiex jinżammu d-drittijiet ta' trade mark tal-Unjoni rreġistrata għal prodott mediċinali, l-użu ta' din it-trade mark jista' jirriżulta biss mal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni neċessarja skont il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti mediċinali. Il-Qorti Ġenerali kisret ukoll l-istess dispożizzjoni meta kklassifikat l-użu ta' trade mark tal-Unjoni fil-kuntest ta' studju kliniku mwettaq skont l-Artikolu 8(2)(i) tad-Direttiva 2001/83/KE ⁽²⁾ bħala li huwa intrinsikament neċessarju u għalhekk ma jikkwalifikax bħala użu ġenwin.

Barra minn hekk, l-appellanti tallega ksur tat-tieni alternattiva pprovduta fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament dwar it-Trade Mark tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li studju kliniku mwettaq għall-finijiet tal-preparazzjoni ta' applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali ġdid skont il-leġiżlazzjoni li tirregola l-prodotti mediċinali ma jistax jintuża sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' użu ta' trade mark meta l-istudju kliniku ntalab ferm wara r-reġistrazzjoni tat-trade mark u/jew meta ma ntużawx il-mezzi finanzjarji meħtieġa sabiex l-istudju inkwistjoni jiġi konkluż kemm jista' jkun malajr.

⁽¹⁾ Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017 L 154, p. 1).

⁽²⁾ Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Helsingin käräjäoikeus (il-Finlandja) fit-12 ta' Diċembru 2017 – Metirato Oy in Liquidation vs Suomen valtio/Verohallinto, Eesti Vabariik/Maksu- ja Tolliamet

(Kawża C-695/17)

(2018/C 083/17)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Helsingin käräjäoikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Metirato Oy in Liquidation

Konvenuti: Suomen valtio/Verohallinto, Eesti Vabariik/Maksu- ja Tolliamet

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24/UE ⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-djun li għandhom jiġi rkuprati skont talba għall-irkupru għandhom jiġu ttrattati mill-Istat Membru rikjest daqslikieku dawn kienu djun ta' dan l-Istat, fis-sens li,